# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru 1**

**Rikors Maħluf Numru 670/2019 NC**

**Av. Umberto Borg Cardona bħala mandatarju speċjali ta' Jerald Seelig detentur tal-Passaport Amerikan bin-numru 496 462 328 u residenti f'Miramar, Florida fl-Istati Uniti tal-Amerika**

**vs.**

**Booming Games (Malta) Limited (C 84350)**

Illum is-sitta (6) ta' Lulju 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-Av. Umberto Borg Cardona bħala mandatarju speċjali ta' Jerald Seelig (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fit-8 ta' Lulju 2019 li jgħid hekk:

*"1. Illi fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2018) il-partijiet kienu ffirmaw u kkonkludew kuntratt ta' impjieg datat it-tnejn (2) ta' Awwissu tas-sena elfejn u*

*tmintax (2018) li permezz tiegħu s-soċjeta' konvenuta impjegat lill-attur fil-kariga ta' Chief Product Officer fi ħdan is-soċjeta' attriċi [recte: is-soċjeta' konvenuta], u dan skond it-termini u kundizzjonijiet u bid-drittijiet u obbligazzjonijiet kollha li jirriżultaw mill-istess kuntratt [kopja annessa 'Dok. A'];*

*2. Illi dan il-kuntratt ta' impjieg segwa u ssostitwixxa żewġ kuntratti oħrajn preċedenti, ossija kuntratt ta' impjieg ieħor ma' soċjeta' oħra (relatata mas-soċjeta' konvenuta) Goldfox Enterprises Limited (C 75859) datat il-ħdax (11) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) [kopja annessa 'Dok. B'] u Memorandum of Understanding konkluż mas-soċjeta' konvenuta datat l-erbgħa (4) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017), li kopja tiegħu mhux qed tiġi eżebit ma' dan ir-rikors stante klawżola ta' kunfidenzjalita' li tiprojbixxi lill-attur milli jiżvela l-istess ftehim;*

*3. Illi fil-kors tal-impjieg tal-attur, is-soċjeta' konvenuta (u preċedentement il-prinċipal preċedenti tal-attur ossija Goldfox Enterprises Limited) bdiet taqa' lura fil-pagamenti ta' pagi lill-attur u kif ukoll pagamenti ta' ammonti oħrajn dovuti lilu in konnessjoni mal-impjieg tiegħu ai termini tal-kuntratt tal-impjieg u wkoll ai termini tal-liġi;*

*4. Illi s-soċjeta' konvenuta qatt ma ċaħdet li l-attur huwa dovut dawn il-pagamenti u li hija fi ħsiebha tħallas tali ammonti [kopja ta' email, bħala eżempju, annessa 'Dok. C'];*

*5. Illi minkejja li f'mument minnhom is-soċjeta' konvenuta bdiet iġġib bħala skuża li l-problema kienet li ma setgħetx tagħmel pagamenti fil-kont bankarju Amerikan tal-attur u li kien hemm bżonn li l-attur jiftaħ kont bankarju Malti, effettivament xi pagamenti kienu saru lilu mis-soċjeta' konvenuta [kopja ta' email, bħala eżempju, annessa 'Dok. D'];*

*6. Illi in vista ta' tali nuqqasijiet da parti tas-soċjeta' konvenuta, l-attur ma kellux triq oħra għajr li jittermina l-impjieg tiegħu mas-soċjeta' konvenuta. Dan għamlu permezz ta' ittra datata l-ħdax (11) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) mibgħuta mill-avukat tal-attur, li permezz tagħha s-soċjeta'*

*konvenuta ġiet interpellata taddivjeni għall-ħlas tal-ammonti kollha dovuti lill-attur [kopja annessa 'Dok. E'];*

*7. Illi in segwitu għal din l-ittra, l-partijiet bdew diskussjonijiet bejniethom sabiex din il-kwestjoni tiġi riżolta u effettivament kien intlaħaq ftehim f'Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) fejn is-soċjeta' konvenuta aċċettat u obbligat ruħha li tħallas lill-attur is-somma ta' mija u dsatax-il elf disa' mija sebgħa u tletin ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€119,937.41) u dan wara li l-attur naqqas xi ammonti mill-ammont ikbar li kien dovut lilu sabiex it-transazzjoni tkun tista' tiġi konkluża. Is-soċjeta' konvenuta anke obbligat ruħha dwar il-modalita' tal-pagamenti u obbligat ruħha li tibda tħallas pagamenti tal-anqas ta' għoxrin elf ewro (€20,000) kull pagament bl-ewwel pagament li kellu jsir fi Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019) [kopja ta' skambju ta' emails relattiv annessa 'Dok. F']. Ta' min josserva li f'dan l-iskambju ta' korrispondenza s-soċjeta' konvenuta mhux talli ma ċaħditx li għandha thallas lill-attur u mhux talli obbligat ruħha li tħallsu, iżda saħansitra stqarret li r-raġuni għaliex il-pagamenti ma kinux qed isiru kienet li hija kellha problema ta' cash flow [ara email datat tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) mibgħut mis-soċjeta' konvenuta, paġna tnejn (2) ta' Dok. F];*

*8. Illi minkejja dan il-ftehim, is-soċjeta' attriċi [<u>recte</u>: is-soċjeta konvenuta] mill-ewwel falliet fuq l-obbligi tagħha billi ma għamlitx l-ewwel pagament fiż-żmien miftiehem u inoltri għamlet pagament f'ammont inqas minn dak miftiehem billi arbitrarjament naqqset xi ammonti u ħallset biss l-ammont ta' tmint'elef ewro (€8000) [kopja tal-email relattiva annessa 'Dok. G'];*

*9. Illi dan ma kienx aċċettabbli għall-attur u huwa oġġezzjona billi wieġeb lis-soċjeta' konvenuta permezz ta' email fejn fih spjega l-oġġezzjoni tiegħu in vista ta' dak li kien ġie miftiehem bejn il-partijiet f'Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) wara li l-attur kien anke lest jaħfer parti mill-ammont kollu dovut sabiex il-kwestjoni tiġi riżolta [kopja annessa 'Dok. H'];*

*10. Illi l-ammont li s-soċjeta' konvenuta kienet aċċettat u obbligat ruħha li tħallas lill-attur huwa ta' mija u dsatax-il elf disa' mija sebgħa u tletin ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€119,937.41). Minn dan l-ammont is-soċjeta' konvenuta ħallset biss u tardivament l-ammont ta' tmint'elef ewro (€8000) biex b'hekk mill-ammont miftiehem għad baqa' bilanċ x'jithallas mis-soċjeta' konvenuta lill-attur fl-ammont ta' mija u tnax-il elf ewro (€112,000). Apparti minn dan l-ammont, is-soċjeta' attriċi [recte: is-soċjeta konvenuta] għandha tħallas ukoll l-ammont ta' sebgħa u għoxrin elf disa' mija u disgħa u disgħin ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€27,999.52), li jikkonsisti mis-segwenti –*

*(i) In kwantu għal €16,666 rappreżentanti vacation leave u sick leave li kellu dritt għalih l-attur skond il-liġi iżda li huwa ma utilizzax;*

*(ii) In kwantu għal €3,640 rappreżentanti spejjez inkorsi mill-attur sabiex irranġa l-appartament tiegħu, li kien fl-obbligu tas-soċjeta' konvenuta li tħallas [prospett anness 'Dok. I'];*

*(iii) In kwantu għal €2261.22 rappreżentanti pagament ta' kera mill-attur fl-10 ta' Jannar 2018, li kien fl-obbligu tas-soċjeta' konvenuta li tħallas [kopja tal-estratt tal-pagament annessa 'Dok. J'];*

*(iv) In kwantu għal €1422.64 rappreżentanti pagament ta' kont għal servizzi ta' elettriku u ilma li kien fl-obbligu tas-soċjeta' konvenuta li tħallas [kopja annessa 'Dok. K']; u*

*(v) In kwantu għal €4000 rappreżentanti spejjez oħra konnessi;*

*11. Illi għalhekk is-soċjeta' konvenuta tinsab debitriċi fil-konfront tal-attur fis-somma totali ta' mija disgħa u tletin elf disa' mija u disgħa u disgħin ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€139,999.52) li tirrappreżenta l-ammonti hawn qabel indikati, oltre għal imgħaxijiet skond il-liġi;*

*12. Illi s-soċjeta' konvenuta ġiet interpellata diversi drabi mill-attur sabiex tħallas l-ammont minnha dovut iżda għalkemm l-*

*ammont dovut qatt ma ġie b'xi mod ikkontestat u addirittura ġie aċċettat, is-soċjeta' konvenuta baqgħet inadempjenti;*

*13. Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi ai termini tal-artiklu 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili [Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta] stante illi il-kreditu mitlub huwa ċert, likwidu u dovut u li fil-fehma tal-attur is-soċjeta' konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti kontra l-ħlas tal-imsemmi ammont.*

*Għaldaqstant, l-attur umilment jitlob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*(i) Tisma' u tiddeċiedi skond it-talba bid-dispens tas-smiegħ tal-kawża a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili [Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta];*

*(ii) Tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta Booming Games (Malta) Limited (C84350) hija debitriċi tal-attur fis-somma ta' mija disgħa u tletin elf disa' mija u disgħa u disgħin ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€139,999.52) li tirrappreżenta pagamenti dovuti lill-attur in konnessjoni mal-impjieg tiegħu mas-soċjeta' konvenuta;*

*(iii) Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lill-attur l-imsemmija somma ta' mija disgħa u tletin elf disa' mija u disgħa u disgħin ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€139,999.52).*

*Bl-ispejjeż ġudizzjarji u bl-imgħaxijiet legali bl-ogħla rata applikabbli skond il-ligi, kontra s-soċjeta' konvenuta li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni."*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjeta' konvenuta Booming Games (Malta) Limited (*a fol.* 62 *et seq*) ippreżentata fl-20 ta' Settembru 2019 fejn jingħad hekk:

*"Dwar il-fatti:*

*1. Illi l-fatti dikjarati fl-ewwel paragrafu attriċi ma humiex kontestati.*

*2. Illi l-fatti fit-tieni u fit-tielet paragrafi attriċi huma kontestati bħala assolutament inveritieri u fost affarijiet oħra jiġi rilevat:*

*a. ma sar l-ebda kuntratt ieħor mas-soċjeta' Booming Games (Malta) Limited;*

*b. sa fejn jaf l-esponenti ma kien hemm ebda kuntratt mas-soċjeta' Goldfox Enterprises Limited;*

*c. sa fejn jaf l-esponenti kien hemm kuntratt ieħor ma' terz għal din il-kawża, is-soċjeta' Booming Games (Isle of Man) Limited (fatt li r-rikorrenti jaf ben tajjeb għaliex huwa dikjarat minnu stess fl-ittra minnu esebita bħala Dokument E).*

*3. Illi fir-rigward tar-raba' paragrafu attriċi għandu jiġi preċizat li fil-korrispondenza li kienet tinbaghat dejjem saret distinzjoni netta bejn dak li kien dovut mis-socjeta' intimata u dak li kienet dovuta mis-socjeta' "Booming Games (IOM)" (ie Booming Games (Isle of Man) Limited).*

*4. Illi fir-rigward tal-ħames paragrafu attriċi huwa minnu li n-nuqqas ta' kont bankarju f'Malta toħloq problema li jsiru l-pagamenti: l-ewwel nett skond il-ftehim il-ħlas kellu jsir f'Euro u mhux f'dollari Amerikani kif kien jippretendi r-rikorrenti, naturalment billi kienu sommom inġenti dawn ma setgħux jitħallsu cash iżda tramite banek (wieħed ma għandux jinsa li s-soċjeta' rikorrenti hija soċjeta' regolata mill-Malta Gaming Authority, u bħala tali hija soġġetta għal proċeduri ta' Anti Money Laundering (AML) strettissimi imposti anke mill-banek stess. Iżda r-rikorrenti kien qed jirrifjuta li jiftaħ kont f'Malta. Illi apparti dan il-bank tas-soċjeta' intimata ma kenitx tippermetti li l-esponenti jkollhom kontijiet f'dollari amerikani billi s-soċjeta' kienet fis-suq tal-Gaming. Kien propju għalhekk li r-rikorrenti kien ġie avvżat (permezz ta' email a fol. 37): "have you managed to open bank account in Malta? Please note that*

*from the Maltese Entity[1] for the time being it is impossible for us to transfer payments to USD accounts in the USA." Infatti jirriżulta li l-pagament esebit bħala dokument D sar mis-soċjeta' Booming Games (Isle of Man) Limited u mhux mis-soċjeta' esponenti!*

*5. Illi l-fatti miġjuba fis-sitt paragrafu attriċi huma kontestati anke peress li l-aġir tar-rikorrenti kien ferm infeliċi u kien ġie mwiddeb diversi drabi. Mhux hekk biss iżda minħabba l-aġir tar-rikorrenti l-esponenti kienu kostretti jġibu s-servizzi ta' mill-anqas tlett persuni oħra biex jassistuh f'xogħlu. Jiġi rilevat li fil-fatt ir-rikorrenti naqas li jersaq din l-allegazzjoni ta' tkeċċija ngusta fiż-żmien mogħti lilu skond il-liġi u quddiem it-tribunal appożitu.*

*6. Illi l-fatti dikjarati fis-seba' paragrafu attriċi huma kontestati billi ma huwiex minnu li kien intlaħaq ftehim mas-soċjeta' konvenuta li kien ser isir il-ħlas ta' l-ammont kollu pretiż, iżda huwa minnu li s-soċjeta' konvenuta flimkien mas-soċjeta' Booming Games (Isle of Man) Limited kienu llikwidaw l-ammont li kien dovut minnhom rispettivament. Il-persuna li kitbet l-email in kwistjoni ma huwiex direttur tal-kumpaniji kif ir-rikorrenti jaf ben tajjeb.*

*7. Il-fatti dikjarati fil-paragrafi attriċi l-oħra kollha huma kontestati.*

*Jiġi rilevat li:*

*a. l-email esebit mir-rikorrenti bħala Dokument Ġ juri kif fil-fatt il-pagamenti kienu qegħdin isiru miż-żewġ entitajiet separatament: is-soċjeta' konvenuta kienet responsabbli biss għal parti tagħha.*

*b. L-ammont pretiż ta' 27,999.52 Euro mir-rikorrenti ma huwiex dovut iżda s-soċjeta' konvenuta taċċetta li hemm dovut lill-intimat somma ta' 7,861.65 Euro (liema kalkolu għadu mhux definittiv) rappreżentanti l-paga tar-rikorrenti għal perijodu ta'*

[1] Is-soċjeta' konvenuta.

*Diċembru. It-total dovut mis-soċjeta' konvenuta lir-rikorrenti f'dan l-istadju għalhekk huwa ta' EUR 32,100 (circa).*

***Eċċezzjonijiet***

*1. Illi fl-ewwel lok is-soċjeta' konvenuta Booming Games (Malta) Limited taċċetta li hija debitriċi tar-rikorrenti fl-ammont ta' €32,100 biss u l-ebda ammont ieħor;*

*2. Illi fit-tieni lok u bla preġudizzju għal premess is-soċjeta' Booming Games (Malta) Limited ma hijiex il-leġittimu kontradittur għal pretenzjonijiet dwar pagamenti dovut qabel il-perijodu tat-18 ta' Settembru 2019 [recte: 2018] jew għall-ispejjeż inkorsi mir-rikorrenti sabiex jistabilixxi ruħu u ta' residenza f'Malta, għalhekk is-soċjeta' esponenti għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju ħlief għal dak li jikkonċerna l-kuntratt t'impjieg datat 2 t'Awissu 2018 u li daħal fis-seħħ fit-18 ta' Settembru 2018;*

*3. Illi bla preġudizzju għal premess l-ammont ta' €16,666 għal vacation leave u sick leave dovuti lir-rikorrenti huwa kontestat u ma huwiex dovut;*

*4. Illi bla preġudizzju għal premess is-soċjeta' esponenti ma għandhiex spejjez għal rilokazzjoni tar-rikorrenti;*

*5. Illi bla preġudizzju għal premess is-soċjeta' esponenti qatt ma assumiet jew għamlet tagħha d-dejn li talvolta jista' jkun dovut minn terzi (inkluż is-soċjeta' Booming Games (Isle of Man) Limited) lejn ir-rikorrenti;*

*6. Illi bla preġudizzju għal premess it-talbiet attriċi huma kontestati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

*7. Salv eċċezzjonijiet oħra skond il-liġi."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Semgħet ix-xhieda li ġew prodotti f'dan il-każ mindu l-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta u rat id-depożizzjonijiet tax-xhieda li xehdu qabel il-kawża ġiet assenjata lilha.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 185 *et seq.*) ipprezentata mill-Av. Umberto Borg Cardona *nomine* fl-24 ta' Marzu 2022.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 199 *et seq.*) ippreżentata mis-soċjeta' konvenuta Booming Games (Malta) Limited fit-13 ta' Mejju 2022.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għax-xiehda u għad-dokumenti saljenti li ġew mismugħa u preżentati tul il-mori tal-proċeduri odjerni.

Illi, fis-6 ta' Diċembru 2019, ġie ppreżentat affidavit tal-attur **Jerald Clifford Seelig** (*a fol.* 96 *et seq.*) fejn jibda billi jispjega li fil-25 ta' Settembru 2018 huwa ffirma kuntratt ta' impjieg mas-soċjeta' konvenuta fejn din ta' l-aħħar appuntatu bħala *Chief Product Officer*. Jispjega li huwa ntalab jiffirma dan il-kuntratt, liema kuntratt kellu jissostitwixxi kuntratti preċedenti li huwa kien iffirma. Jispjega wkoll li l-kuntratti preċedenti kienu ma' kumpanniji oħra marbuta ma' Booming Games (Malta) Limited u jgħid li ġie spjegat lilu li kien aħjar jiffirma dan il-kuntratt minħabba raġunijiet ta' taxxa u kwistjonijiet finanzjarji interni oħra. Jixhed li għalih huwa kien impjegat mas-soċjeta' konvenuta u li dan ġie kkonfermat f'numru ta' *emails* u telefonati li kellu. Jgħid li l-kuntatti tiegħu mas-soċjeta' konvenuta kien tramite Richard Maximilian Niehusen li huwa d-direttur tal-kumpannija msemmija u Simona Camilleri li hija s-segretarja tal-kumpannija u dana skont ma jirriżulta minn estratt (Dok. "JS" – *a fol.* 71 *et seq.*) mir-Reġistru tal-Kumpanniji li huwa eżebixxa. Jixhed li huwa ffirma dak li kien intalab jiffirma u kif dejjem ġie assigurat li ma kellux għalfejn jinkwieta dwar il-ħlas minħabba li huwa kien qed jaħdem għall-istess nies. Jikkonferma li s-soċjeta' konvenuta kienet kuntenta ħafna bl-ingaġġar tiegħu tant li kienet ħarġet anke stqarrijiet għall-istampa dwar l-*appointment* tiegħu bħala *Chief Production Officer* (Dok. "JS 1" sa Dok. "JS 3C" – *a*

*fol.* 74 *et seq.*). Jgħid li s-soċjeta' konvenuta għadha tibbenefika mil-logħob li ħoloq huwa (Dok. "JS 3D" u Dok. "JS 3E" – *a fol.* 80 *et seq.*). Jispjega kif waqt l-impjieg tiegħu beda jkun hemm problemi fuq il-ħlas tal-paga tiegħu u li s-soċjeta' konvenuta kienet qiegħda tgħid li kellha problemi ta' *cash flow* (Dok. "JS 3F" – *a fol.* 82). Jixhed li huwa għamel kuntatt ma' Maximilian Niehusen li min-naħa tiegħu dejjem ikkonferma li dawk il-flus kienu dovuti u jkompli jgħid li wara numru ta' *emails* kienu waslu għall-ammont li kien dovut lilu u kif dan kien ser jitħallas. Jgħid li ntalab joħroġ *invoice* fuq is-soċjeta' konvenuta (Dok. "JS 4" u Dok. "JS 5" – *a fol.* 83 *et seq.*) u jispjega li Dok. "JS 4" (*a fol.* 83 *et seq.*) kienet l-ewwel fattura li ntalab joħroġ u li minnha s-soċjeta' konvenuta kienet ħallsitu €8,000. Jgħid li s-segretarja tas-soċjeta' konvenuta kienet infurmatu sabiex jirranġa l-fattura u jagħmilha f'Euro (Dok. "JS 6" – *a fol.* 86 *et seq.*). Jilmenta mill-fatt li kienu nħarġu xi *payslips* għall-ħlas li huwa ma rċeviex u dan kien għal perjodi ta' bejn l-1 ta' Ottubru 2018 sal-31 ta' Ottubru 2018 (Dok. "JS 7" – *a fol.* 88) u bejn l-1 ta' Novembru 2018 sal-31 ta' Novembru 2018 (Dok. "JS 8" – *a fol.* 89). Jispjega li kien sar kuntatt miegħu minn Richard Maximilian Niehusen li qallu li ried iħallsu kull ma kien dovut u stiednu ma jqabbadx avukati pero' minkejja dan is-soċjeta' konvenuta mal-ewwel naqset milli tħallas dak li ftehmet li tħallsu u ħallsitu biss €8,000. Jixhed li huwa kien daħal fi spejjeż addizzjonali bħal għamara għall-flat, il-kera tal-appartament, il-ħlas tad-dawl u l-ilma u l-ispiża tat-titjira sabiex imur lura l-Amerika. Magħdud ma' dan kien hemm ukoll ħlas ta' *vacation leave* u *sick leave* li ma għamilx użu minnu.

In <u>kontro-eżami</u>, li sar fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2020 (*a fol.* 99 *et seq.*), meta Seelig ġie mistoqsi jgħid ma' min kienu l-kuntratti preċedenti jgħid li huwa ma jistax jgħid minħabba li ma għandux dawn il-kuntratti. Ikompli jgħid li l-kuntratt li ffirma f'Settembru 2018 kellu jieħu post il-kuntratti preċedenti u dan il-kuntratt kien l-uniku kuntratt li għandu. Jgħid li ma jiftakarx meta ffirma l-kuntratti preċedenti. Mitlub jindika fejn hemm fil-kuntratt ta' Settembru 2018 li dak kellu jieħu post il-kuntratti preċedenti, jgħid li dak kien li fehem mill-kuntratt. Jispjega li ġie Malta bejn wieħed u ieħor fl-aħħar tas-sena 2017 u baqa' hawn Malta sa Ġunju 2018 u għalhekk dam Malta madwar sitt xhur. Jikkonferma li meta ġie Malta ġie nfurmat li kellu tliet xhur sabiex jikseb il-*visa* u li ngħata

kuntratt ta' impjieg ħalli jkun jista' japplika għal *visa*. Jikkonferma li f'Ġunju ġie nfurmat li huwa ma setgħax jiġi lura Malta sakemm ma jkollux *visa* u li għalhekk mar l-Irlanda u l-kumpannija kellha tieħu miżuri sabiex tkun tista' tiksiblu l-*visa*. Jikkonferma li meta mar l-Irlanda huwa baqa' jaħdem għall-kumpannija in kwistjoni. Mistoqsi jgħid jekk meta ġie Malta f'Diċembru 2017 il-*head legal* Dr. Simona Camilleri kinitx informatu li kellu bżonn *visa*, jgħid li ma jiftakarx. Jixhed li ġie lura Malta f'Settembru 2018 u li din id-darba kellu l-*visa*. Jikkonferma wkoll li meta ġie Malta kien ġie nfurmat li kien ser jitħallas bil-munita Euro u li għalhekk kellu jiftaħ kont bankarju. Jgħid li dan ma kienx pressanti minħabba li tħallas f'dollari u li dawn il-flus marru f'kont bankarju fl-Istati Uniti. Jispjega li f'Ġunju tas-sena 2017 huwa kien tħallas mis-soċjeta' konvenuta minħabba li kien konsulent tagħha iżda ma setax jgħid jekk is-soċjeta' konvenuta kinitx teżisti. Ikompli jispjega li huwa ġie mħallas minn ħafna kumpanniji differenti u ma kienx interessat min iħallsu sakemm kien jitħallas. Muri *Memorandum of Understanding* (Dok. "MR 1" – *a fol.* 116 *et seq.*) jgħid li ma jiftakarx id-dettalji tiegħu iżda jikkonferma l-firma fl-aħħar tad-dokument u jkompli jgħid li dan ħadlu postu l-kuntratt li ffirma f'Settembru. Mistoqsi jgħid jekk jiftakarx li l-kuntratt preċedenti kienx fih klawsola li huwa kellu jirċievi ħamsa fil-mija (5%) mill-ishma tal-kumpannija, jgħid li jiftakar u li huwa kien irrifjutahom meta ngħatawlu. Jikkonferma li l-aħħar kuntratt ċioé dak ta' Settembru 2018 ma kienx hemm fih sehem mill-ishma. Jispjega wkoll li s-soċjeta' konvenuta kellha tħallaslu l-kera tal-appartament sa ammont ta' $50,000 u jixhed li minn dan l-ammont x'aktarx intuża nofsu. Dwar l-ammont marbut mal-*vacation leave*, jgħid li huwa ma ħa l-ebda ġurnata sakemm kien qed jaħdem mas-soċjeta' konvenuta u li għalhekk darba li huma kisru l-kuntratt dawn kienu dovuti lilu. Jgħid li huwa kien dovut erba' (4) ġimgħat bħala *vacation leave* u jikkonferma li kien hemm xi ġranet li fihom fl-aħħar ma kienx mar għax-xogħol minħabba li ma kienx tħallas iżda jispjega li fl-aħħar mill-aħħar huma kienu nnegozjaw ftehim ta' dak li kien dovut lilu. Jgħid li dan is-*settlement agreement* kien jitlob li huwa jitħallas għoxrin elf (20,000) kull xahar sakemm jitħallsu l-mija u għoxrin elf (120,000) kollha (*a fol.* 111) iżda jgħid li huma naqsu milli jonoraw dan il-ftehim mill-ewwel pagament. Jispjega li minħabba f'hekk dak li qed jitlob f'din il-kawża huwa l-ammont kollu u mhux l-

ammont li kien miftiehem. Dwar xi lment li rċieva meta kien jinsab l-Irlanda mid-direttur tas-soċjeta' konvenuta jgħid li huwa ħadem aktar sabiex ibiddel is-sitwazzjoni iżda huma kien jaħdmu b'mod qadim u kien diffiċli ħafna sabiex iwettaq il-bidla neċessarja.

In ri-eżami (*a fol.* 113 *et seq.*) Seelig jispjega li kien jikkomunika ma' kollega, li aktar tard jgħid li kien jismu Stephan Heim, li kellu jagħmel il-grafiċi iżda minħabba li ma kienx mis-settur u kien jitkellem bil-Ġermaniż kien diffiċli ħafna jikkomunika miegħu, b'dana li kien hemm dewmien fix-xogħol. Jgħid: *"However the company grew by hundreds of per cent during my time making products that I did not get paid for"* (*a fol.* 114).

Illi, fid-19 ta' Jannar 2021, ġie ppreżentat affidavit ta' **Richard Maximilian Niehusen** (*a fol.* 135) fejn jgħid li l-ebda kumpannija għajr is-soċjeta' konvenuta ma għamlet ħlasijiet dovuti minnha lill-attur Jerald Seelig. Jispjega li s-soċjeta' konvenuta ma għamlitx ħlasijiet lill-attur għan-nom ta' terzi u li l-ammont dovut skont il-kuntratt minn Settembru 2018 sa Diċembru 2018 kien dak ta' €40,099.93. Jgħid ukoll li minn dan l-ammont is-soċjeta' konvenuta ħallset l-ammont ta' €8,000 f'żewġ pagamenti (wieħed ta' €1,132.84 u ieħor ta' €6,867.16). Jgħid li l-ammont ta' €40,099.93 jinkludi kumpens għal *vacation leave* li ma ġiex użat. Eżebixxa kopja tal-kuntratt ta' impjieg (*a fol.* 136 *et seq.*), *pay slips* (*a fol.* 151 *et seq.*) u prova tal-ħlas li sar ( *a fol.* 155 *et seq.*).

In kontro-eżami, li sar fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2021 (*a fol.* 161 *et seq.*), mistoqsi dwar l-ammont li fl-affidavit jikkonferma li huwa dovut lill-attur Jerald Seelig jgħid li huwa ma jistax jispjega aktar milli jikkonferma li ċ-ċifra hija dovuta u jgħid dan minħabba li l-kalkoli għamluhom it-*team* tal-finanzi. Jikkonferma li hu kien l-unika direttur tas-soċjeta' konvenuta u li kien ilu hekk mis-sena 2018 meta kien impjegat magħha l-attur u meta rriżenja. Mistoqsi jikkonferma jekk l-ammont dovut lill-attur Seelig fil-fatt kienx akbar, jgħid li dan mhux minnu minħabba li l-ammont dovut mis-soċjeta' konvenuta kien dak ta' €40,099.93. Mistoqsi jikkonferma li s-soċjeta' konvenuta wegħdet li tħallas lill-attur Seelig l-ammont ta' €119,937.41, wieġeb li ma jafx. Jgħid li sema' li kien hemm xi kwistjoni dwar impjieg preċedenti iżda ma jaf xejn dwar ftehim fejn

is-soċjeta' konvenuta kellha tħallas l-ammont kollu rikjest mill-attur. Muri l-*email* immarkata bħala Dok. "Ġ" (*a fol.* 45) jikkonferma li huwa kkupjat f'din il-korrispondenza.

In ri-eżami (*a fol.* 167) jikkonferma li ta struzzjonijiet li l-ammont pendenti ta' €32,099 jitħallas lill-attur Seelig.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Frar 2022, xehdet in kontro-eżami **Dr. Simona Camilleri** (*a fol.* 173 *et seq.*) wara li fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2021 (*a fol.* 160) ntalab li tiġi mistoqsija domandi in segwitu tad-dikjarazzjoni kontenuta fil-verbal tas-seduta tat-2 ta' Settembru 2019 (*a fol.* 58) u in segwitu tal-fatt li hija kkonfermat bil-ġurament ir-Risposta Maħlufa tas-soċjeta' konvenuta (*a fol.* 62 *et seq.*). Tispjega li hija kienet tkopri r-rwol ta' *Head of Legal* mas-soċjeta' konvenuta u mitluba tikkonferma jekk kinitx *company secretary* tgħid li ma tiftakarx għalkemm wara li ġiet murija dokument tikkonferma r-rwol tagħha. Meta saritilha riferenza għall-*email* immarkata bħala Dok. "Ġ" (*a fol.* 45) tgħid li hija ma kinitx tidħol f'dawn l-ammonti u li dawn kienu r-responsabilita' ta' Karl Sultana (il-*head* tal-finanzi). Murija *emails* fejn tissemma ċ-ċifra ta' €119,937.41, tgħid li din iċ-ċifra tirreferi għall-ammont li lilha qalulha li kien dovut lill-attur Seelig mis-soċjeta' konvenuta u mill-grupp ta' kumpanniji. Tikkonferma li dan huwa l-ammont li liha qalulha li kien dovut lill-attur Seelig. Mistoqsija għalfejn tat struzzjonijiet lill-attur sabiex jagħmel *invoices,* tgħid li hija ma qaltlux jagħmel *invoices attention* lilha iżda qaltlu biex jibgħathom ħalli tagħmel *follow up* mal-*accountant*, ma' Richard Maximilian Niehusen, max-*shareholder* bl-isem ta' Julian u ma' kulħadd.

In ri-eżami tispjega li s-soċjeta' Booming Games (Isle of Man) kienet l-ewwel kumpannija li magħha l-attur kien iffirma *Memorandum of Understanding*. Tgħid li f'dak il-kuntratt kien hemm ċertu dispożizzjonijiet x'kien sejjer ikun fih il-kuntratt proprju ma' l-eventwali kumpannija Booming Games (Malta) Limited. Tispjega kif iż-żewġ kumpanniji msemmija minnha għandhom l-istess sid iżda tgħid li ma humiex l-istess kumpannija. Tixhed li Dok. "JS 4" (*a fol.* 83 *et seq.*) ma kienux ma' Dok. "JS 3F" (*a fol.* 82) u taħseb li Dok. "JS 4" (*a fol.* 83 *et seq.*) u Dok. "JS 5" (*a fol.* 85) oriġinaw minn għand l-attur.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-talbiet tal-attur *nomine* hekk kif kontenuti fir-Rikors Maħluf tiegħu, il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- Din hija kawża dwar ħlas ta' arretrati ta' pagi li allegatament huma dovuti lill-attur Jerald Seelig mis-soċjeta' konvenuta.

- Fl-4 ta' Ottubru 2017 ġie ffirmat *Memorandum of Understanding* (Dok. "MR 1" – *a fol.* 116 *et seq.*) bejn l-attur Jerald Seelig, Julian Mautner u Booming Games Limited (kumpannija fl-Isle of Man).

- Fil-*Memorandum of Understanding* ġie miftiehem li:

  - l-paga ta' Seelig kellha tkun dik ta' €280,000 fis-sena u bonus ta' €50,000 f'każ li Seelig jibqa' konsulent mal-kumpannija f'għeluq is-sena;

  - Seelig kellu dritt ta' *relocation allowance* li kellha tkopri l-ispejjeż li kien ser jonfoq sabiex jiġi Malta u dana sa massimu ta' €50,000 liema ammont kellu jitħallas direttament minn Booming Games Limited lill-kumpanniji tal-ajru eċċ.

- L-attur Seelig jgħid li fil-11 ta' Diċembru 2017 iffirma kuntratt ta' impjieg (Dok. "B" – *a fol.* 22 *et seq.*) mas-soċjeta' Goldfox Enterprises Limited f'liema kuntratt il-kundizzjonijiet tal-paga kienu simili għal dak li hemm provdut fil-*Memorandum of Understanding* hawn fuq imsemmi.

- L-attur Seelig jisħaq li fil-25 ta' Settembru 2018 iffirma u kkonkluda kuntratt ta' impieg (Dok. "A" – *a fol.* 7 *et seq.*) datat it-2 ta' Awwissu 2018 din id-darba mas-soċjeta' konvenuta Booming Games (Malta) Limited, f'liema kuntratt jirriżulta li:

- l-impieg kellu jibda fit-18 ta' Settembru 2018 (*a fol.* 20);

- il-paga kellha tkun dik ta' €200,000 fis-sena;

- skont kawsola bin-numru 14 (*a fol.* 10), l-attur Seelig kellu dritt għal benefiċċji addizzjonali li kien hemm fil-*Memorandum of Understanding* hawn fuq imsemmi.

- Jidher li l-attur Seelig kien f'diskussjonijiet mas-soċjeta' konvenuta ta' kif l-ammonti dovuti lilu kien sejrin jitħallsu (Dok. "Ċ" – *a fol.* 37.). Mid-diċitura tal-imsemmi Dok. "Ċ" jidher li din id-diskussjoni kienet ilha sejra u ċertu Karl Sultana għas-soċjeta' konvenuta staqsa lil Seelig jekk kienx irnexxilu jiftaħ kont bankarju f'Malta.

- Jidher li qam diżgwid bejn l-attur Seelig u s-soċjeta' konvenuta minħabba li l-attur ma kienx qed jirċievi l-paga tiegħu u dan wassal lil Seelig sabiex fil-11 ta' Diċembru 2018 jibgħat ittra legali (Dok. "E" – *a fol.* 40 *et seq.*) kemm lis-soċjeta' Goldfox Enterprises Limited u kif ukoll lis-soċjeta' konvenuta Booming Games (Malta) Limited fejn l-attur, fost l-oħrajn, ta avviż ta' terminazzjoni tal-impieg tiegħu.

- Skont *email* (Dok. "F" – *a fol.* 42 *et seq.*) mibgħuta fil-11 ta' Jannar 2019, Julian Mautner ikkonferma li l-kumpannija (mhux speċifikat liema kumpannija) kellha tagħti lill-attur Seelig is-somma ta' €119,937.41.

- F'*invoice* (Dok. "JS 4" – *a fol.* 83) datata 27 ta' Frar 2019 mibgħuta mill-attur Seelig lis-soċjeta' konvenuta, l-attur elenka l-ħlasijiet mensili li kellhom isiru lilu, liema *invoice* jidher li ġiet riċevuta minn Dr. Simona Camilleri (*company secretary* tas-soċjeta' konvenuta) u dan jirriżulta minn *email* immarkata bħala Dok. "JS 6" (*a fol.* 86 *et seq.*).

- F'*email* (Dok. "F" – *a fol.* 42 *et seq.*) mibgħuta fit-12 ta' Marzu 2019 fil-11:54:46am (*a fol.* 43) Julian Mautner reġa' wiegħed lill-attur Seelig li kien ser jitħallas kollox.

- F'*email* (Dok. "F" – *a fol.* 42 *et seq.*) mibgħuta minn Dr. Simona Camilleri fil-15 ta' Marzu 2019 fl-10:36:07am (*a fol.* 44), Dr. Camilleri tgħid li ċertu Julian (preżumibbilment Julian Mautner) kien għamel pagament u permezz ta' *email* (Dok. "Ġ" – *a fol.* 45), Karl Sultana (il-*Head of Finance* tas-soċjeta' konvenuta) iċċara li dan il-pagament sar f'żewġ "*batches*".

- Permezz ta' *email* (Dok. "H" – *a fol.* 46) mibgħuta fis-26 ta' Marzu 2019 mill-attur Seelig lil Karl Sultana u kkuppjata lil Dr. Simona Camilleri, Julian Mautner u Richard Maximilian Niehusen, Seelig ipprotesta b'mod b'saħħtu l-fatt li l-pagamenti li kienu miftehma li jsiru lilu jew ma sarux jew ma sarux għall-ammont miftiehem u li l-ftehim li kienu waslu għalih sabiex jinżammu l-avukati barra ma kienx qed jiġi rispettat.

- Fis-26 ta' Marzu 2019 jirriżulta li s-soċjeta' konvenuta Booming Games (Malta) Limited għamlet żewġ pagamenti lill-attur Seelig liema pagamenti b'kollox jammontaw għal €8,000 (Dok. "JS 5" u Dok. "JS 6" – *a fol.* 131 *et seq.*). Dan jirriżulta wkoll mill-irċevuti (*a fol.* 155 u 156) ippreżentati minn Richard Maximilian Niehusen ma' l-affidavit tiegħu minn liema rċevuti jidher li l-pagamenti saru l-ġurnata ta' qabel u ċioè fil-25 ta' Marzu 2019.

- F'*invoice* (Dok. "JS 5" – *a fol.* 85) datata 27 ta' Marzu 2019 l-attur Seelig identifika pagament ta' €8,000 li sar mis-soċjeta' konvenuta.

- Fir-Risposta Maħlufa tagħha, is-soċjeta' konvenuta ddikjarat li kienet qed taċċetta li hija debitriċi tal-attur Seelig fl-ammont ta' €32,100 biss u meta fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2019 (*a fol.* 66) il-Qorti diversament preseduta stiednet lill-konsulenti legali tal-partijiet sabiex jitrattaw dwar tali dikjarazzjoni, il-konsulent legali tas-soċjeta' konvenuta ddikjara li s-soċjeta' konvenuta kienet qed toffri s-somma ta' €32,100 u dana a saldu tal-pretenzjonijiet li tressqu mill-attur Seelig f'din il-kawża. Din l-offerta ġiet rifjutata minħabba li l-offerta kienet hlas ta' ammont a saldu u mhux ta' ammont akkont.

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-talbiet tal-attur Seelig u tal-eċċezzjonijiet imressqa għalihom mis-soċjeta' konvenuta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel tibda billi tagħmel konsiderazzjonijiet dwar it-tieni (2) eċċezzjoni eċċepita fir-Risposta Maħlufa tas-soċjeta' konvenuta

**It-Tieni (2) Eċċezzjoni**

(Is-soċjeta' konvenuta mhijiex il-leġittimu kontradittur għal ammonti dovuti qabel il-perjodu tat-18 ta' Settembru 2019 [recte: 2018]:

Illi f'din l-eċċezzjoni s-soċjeta' konvenuta tisħaq li peress li qabel it-18 ta' Settembru 2018 hija ma kinitx qed timpjega lill-attur Seelig, hija ma għandhiex tħallas pagamenti dovuti qabel id-data msemmija u ma għandhiex tbati l-ispejjeż kollha mitluba mill-attur Seelig b'dan illi fl-ewwel (1) eċċezzjoni taċċetta li hija debitriċi tal-attur fl-ammont ta' €32,100 biss. Da parte tiegħu, fit-tieni (2) premessa tar-Rikors Maħluf (*a fol.* 1 *et seq.*), l-attur Seelig jargumenta li s-soċjeta' konvenuta assumiet fuq spallejha d-dejn tal-kuntratti preċedenti minħabba li l-kuntratt iffirmat magħha fil-25 ta' Settembru 2018 (Dok. "A" – *a fol.* 7 *et seq.*) daħal fis-seħħ minflok il-*Memorandum of Understanding* (Dok. "MR 1" – *a fol.* 116 *et seq.*) iffirmat fl-4 ta' Ottubru 2017 u l-kuntratt (Dok. "B" – *a fol.* 22 *et seq.*) iffirmat fil-11 ta' Diċembru 2017 mas-soċjeta' Goldfox Enterprises Limited.

Illi s-soċjeta' konvenuta tgħid li ma hijiex mgħarrfa mill-fatt li l-attur Seelig qatt iffirma kuntratt mas-soċjeta' Goldfox Enterprises Limited u s-soċjeta' konvenuta tiċħad li hija assumiet fuq spallejha d-debitu li kien tas-soċjeta' estera Booming Games (Isle of Man) Limited u tikkontesta l-ammonti mitluba mill-attur Seelig għajr għas-somma ta' €32,100.

Illi l-Qorti tinnota li l-kuntratti kollha ppreżentati fl-atti proċesswali, irrispettivament jekk ġewx iffirmati jew le, kollha jgħajjtu lill-kumpanniji differenti. Wara li l-Qorti għamlet analiżi ta' dawn il-

kuntratti, il-Qorti tinnota li ma sabet l-ebda klawsola fejn jiġi dikjarat li xi dejn akkumulat fil-kuntratt preċedenti qed jiġi mgħoddi lis-soċjeta' l-ġdida jew li l-kuntratt qed jieħu post il-kuntratt preċedenti. Dan huwa punt importanti minħabba li l-*Memorandum of Understanding* (Dok. "MR 1" – *a fol.* 116 *et seq.*) iffirmat mas-soċjeta' estera Booming Games Limited huwa suġġett għal ġurisdizzjoni barranija u l-Qorti ma għandhiex kompetenza fuqu.

Illi fir-rigward tal-allegat kuntratt ma' Goldfox Enterprises Limited ma ġiex ippruvat li dan daħal fis-seħħ u dana minħabba li l-verżjoni ppreżentata ma hijiex iffirmata u lanqas ġiet sottomessa xi prova oħra f'dan ir-rigward. Konsegwentement, il-Qorti mhux ser tqis dan il-kuntratt fil-konsiderazzjonijiet tagħha.

Illi in tema ta' assunzjoni ta' debitu, il-Qorti tagħmel riferenza għal sentenza mogħtija fit-28 ta' April 2004 fil-kawża fl-ismijiet **P J Sutters Company Limited vs. Michael Debono**, fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet hekk:

> "Illi pero' kif irriteniet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Bartolo vs. Vigo** datata s-7 ta' Ġunju ta' l-1929, (Vol. XXVII.1.817), din il-figura hi wkoll differenti mill-istituti tal-fidejussione u tan-novazjoni;
>
> *"…l'assunzione del debito per parte di un terzo e' una figura guiridica diversa delle fidejussione, poiche', chi assume un debito si obbliga in via principale, a differenza del fidejussiore. Essa e' anche diversa dalla novazione siccome non importa necessariamente la liberazzione de debitore"*;
>
> Illi pero' kif irriteniet il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Attard & Co Limited vs. MA Supermarkets Limited u Michael Debono** datata l-20 ta' Marzu tas-sena 2003:
>
> *"…il-kunċett ta' assunzjoni ta' dejn ta' ħaddieħor mhux meħtieġ li jirrizulta minn kitba, u jista' jiġi pruvat bil-mezzi kollha li*

> *tippermetti l-liġi, pero' tali prova trid tkun ċara, ċerta u konkludenti…";*
>
> Illi biex tiġi kkreata l-figura ta' assunzjoni ta' dejn, bħal ma qed tistieden li jsir mis-soċjeta' attriċi fil-kawża odjerna biex tikkonsolida d-dritt minnha vantat, hemm bżonn dak li ġie ritenut mill-Qorti tal-Kummerċ fis-sentenza fl-ismijiet **Zammit vs. Frendo Azzopardi**, datata l-14 ta' Mejju ta' l-1943, senjatament:
>
> *"…li l-obbligazzjoni ta' ħaddieħor jagħmilha tiegħu min jassumiha. Il-fatt li wieħed iħallas xi flus akkont ta' dejn, la mhux tiegħu, ma jfissirx li huwa assuma dak id-dejn.""*

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq u applikat għal każ odjern, il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta li *f'email* (Dok. "JS 3F" – *a fol.* 82) mibgħuta fil-11 ta' Jannar 2019 minn Julian Mautner lill-attur Seelig u kkuppjata lil Dr. Simona Camilleri jingħad li l-ammont dovut mill-kumpannija lill-attur Seelig kienet dik ta' €119,937.41. Jingħad li mhux ta' fejda dak li tgħid Dr. Simona Camilleri fejn meta ġiet riferuta għall-*email* in kwistjoni hija tgħid li din tirreferi għal *group of companies*. Il-Qorti tqis li l-unika persuna li seta' jispjega l-kontenut tal-*email* kien dak li kitibha u ċioè Julian Mautner li ħadd ma seħħlu jsejjaħlu bħala xhud f'dawn il-proċeduri u għalhekk jinkombi fuq il-Qorti li tasal hija għall-interpretazzjoni dwarha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tinnota li Mautner isemmi *"the company"* u fl-ebda mument ma jsemmi kumpanniji jew grupp ta' kumpanniji b'dan illi l-Qorti hija tal-fehma li r-riferenza għall-frażi "*the company"* hija riferenza għas-soċjeta' konvenuta u dana qiegħed jingħad ukoll minħabba li kieku ma kienx hekk ma kienx ikun jagħmel sens li tiġi kkuppjata l-avukata u s-segretarja tas-soċjeta' konvenuta! Għalhekk jidher li kien hemm xi forma ta' ftehim għal tal-inqas f'moħħ Julian Mautner li, fl-aħħar mill-aħħar (skont ix-xhieda ta' Dr. Simona Camilleri), huwa s-sid tas-soċjetajiet kollha msemmija fejn il-flus kollha dovuti lill-attur Seelig kienu ser jitħallsu mis-soċjeta' konvenuta.

Illi, fid-dawl ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, isegwi li s-soċjeta' konvenuta għandha tiġi meqjusa li assumiet id-debitu lejn l-attur

Seelig u b'hekk il-Qorti ser tiċħad l-eċċezzjoni in eżami tas-soċjeta' konvenuta u ċioé dik li s-soċjeta' konvenuta teċċepixxi li hija mhijiex il-leġittimu kontradittur għal ammonti dovuti qabel il-perjodu tat-18 ta' Settembru 2018.

**<u>L-Ewwel (1) Talba</u>**
**<u>(Tisma' u tiddeċiedi it-talba bid-dispens tas-smiegħ)</u>**:
Illi l-Qorti ma tantx għandha wisq xi tgħid dwar din it-talba għajr għall-fatt li fis-seduta tat-2 ta' Settembru 2019 (*a fol.* 58) din il-Qorti diversament preseduta akkordat żmien lis-soċjeta' konvenuta sabiex tressaq ir-Risposta Maħlufa tagħha u b'hekk isegwi li l-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba *stante* li diġa ġiet sorvolata.

**<u>It-Tieni (2) u t-Tielet (3) Talba</u>**
**<u>(Tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tal-attur Seelig fis-somma ta' €139,999.52 rappreżentanti pagamenti dovuti lill-attur in konnessjoni mal-impjieg tiegħu mas-soċjeta' konvenuta u kundanna sabiex is-soċjeta' konvenuta tħallas lill-attur Seelig l-imsemmija somma)</u>**:
Illi dak li qed jitlob l-attur Seelig permezz ta' dawn it-talbiet huwa sabiex is-soċjeta' konvenuta tiġi kkundannata tħallas is-somma ta' ċirka €112,000 rappreżentanti pagi mhux imħallsa u s-somma ta' €27,999.52 rapprezentanti spejjeż li huwa kellu jħallas waqt li allegatament, skont il-kuntratt ta' impjieg, kellhom jitħallsu mis-soċjeta' konvenuta. L-attur Seelig jgħid li dan huwa dovut mis-soċjeta' konvenuta minħabba li jisħaq li ab bażi ta' l-aħħar kuntratt minnu ffirmat magħha hija ħadet fuq spallejha d-djun li l-kumpanniji l-oħra kellhom miegħu.

Illi l-ispejjeż addizzjonali huma maqsuma fis-segwenti:

- €16,666: *Vacation Leave* u *Sick Leave*;
- €3,640: Spejjeż sabiex tranġa l-appartament;
- €2,261.22: Kera tal-*flat* imħallas mill-attur Seelig;
- €1,422.64: Kont tad-dawl u l-ilma;
- €4,000: Spejjeż oħra

Illi s-soċjeta' konvenuta teċċepixxi li l-ammont ta' €16,666 bħala *vacation leave* u *sick leave* mhux dovut u li ma għandhiex tbati l-ispejjeż ta' rilokazzjoni. Hija tikkontesta l-ammonti mitluba b'mod ġenerali.

Illi, a skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti tirreferi għal dak li ġie deċiż aktar 'il fuq f'din is-sentenza fejn is-soċjeta' konvenuta ġiet meqjusa li assumiet id-debitu lejn l-attur Seelig u dak li jonqosha tagħmel huwa li tistħarreġ l-ammonti mitluba minnu u tara jekk humiex dovuti.

<u>Paga</u>:
Illi jibda billi jingħad li permezz tal-*email* immarkata bħala Dok. "JS 3F" (*a fol.* 82) mibgħuta minn Julian Mautner lill-attur Seelig u kkuppjata lil Dr. Simona Camilleri u li ġiet imsemmija aktar 'il fuq f'din is-sentenza ġie ammess li dak li huwa dovut lill-attur huwa l-ammont ta' €119,937.41 u b'hekk il-Qorti ser tieħu dan l-ammont bħala tajjeb u sejra tibni l-konsiderazzjonijiet tagħha madwaru. Huwa paċifiku li l-attur tħallas is-somma ta' €8,000, u għalhekk dan l-ammont irid jitnaqqas mill-ammont imsemmi ta' €119,937.41 u b'hekk l-ammont li għadu pendenti huwa dak ta' €111,937.41.

<u>*Vacation Leave*</u>:
Illi l-attur Seelig jallega li huwa ma ħa l-ebda ġurnata *leave* iżda l-Qorti tinnota li dan huwa kontradett mis-soċjeta' konvenuta u huwa wkoll ammess mill-istess attur meta jgħid li fl-aħħar kien hemm ġranet meta ma resaqx lejn l-uffiċini minħabba li ma kienx qed jitħallas. Minbarra dan, mill-atti proċesswali ma hemmx prova ċara minn meta l-attur Seelig beda jaħdem mal-grupp ta' kumpanniji. Għal kull buon fini jiġi nnutat li fil-*Memorandum of Understanding* (Dok. "MR 1" – *a fol.* 116 *et seq.*) jingħad li huwa ftehim preliminari u fi klawsola 1.1 hemm stipulat b'mod ċar li l-konsulent u ċioè l-attur Seelig għad irid jikkonferma li jaċċetta l-impjieg mas-soċjeta' Booming Games Limited. L-unika prova ċerta li għandha quddiemha l-Qorti huwa dak li hemm fil-kuntratt finali (Dok. "A" – *a fol. 7 et seq.*) mas-soċjeta' konvenuta u dan ikopri x-xhur bejn Settembru u Diċembru 2018 u għalhekk il-Qorti ser tikkalkola l-ammonti dovuti fuq dan il-perjodu.

Illi dwar l-ammont ta' *leave* li kellu dritt għalih l-attur Seelig, il-Qorti tinnota diskrepanza u dana peress li filwaqt li skont klawsola dsatax (19) jingħad li l-attur Seelig kellu dritt għal ħamsa u għoxrin (25) ġurnata *vacation leave* fis-sena, fi Skeda 1 tal-istess kuntratt hemm imsemmi li Seelig kellu erbgħa u għoxrin (24) ġurnata. Il-Qorti tinnota wkoll li s-soċjeta' konvenuta tikkalkola l-kumpens dovut għal *leave* fuq ħamsa u għoxrin (25) ġurnata (*a fol.* 157) u b'hekk il-Qorti ser iżżomm ma' dan l-ammont ta' ġranet fil-konsiderazzjonijiet tagħha.

Illi klawsola wieħed u għoxrin (21) tal-kuntratt (Dok. "A" – *a fol.* 7 *et seq.*) jipprovdi li, meta l-impjieg tal-attur Seelig jispiċċa, is-soċjeta' konvenuta kellha tħallsu kumpens għal dak l-ammont ta' *leave* li ma sarx użu minnu. Il-kuntratt juża l-kliem "*holiday days*" li fil-fehma tal-Qorti jfissru l-istess.

Illi fl-affidavit tiegħu (*a fol.* 135), Richard Maximilian Niehusen jagħmel riferenza għall-ammont ta' €4807.69 li jgħid li huwa *"50 hours of accrued and untaken leave during the employment period"* (*a fol.* 135). Skont il-konteġġi tal-Qorti, dan l-ammont huwa wieħed korrett u b'hekk il-Qorti ser talloka dan l-ammont bħala kumpens għal *leave* li ma ħax l-attur

<u>*Sick Leave*</u>:
Illi fiċ-ċifra ta' €16,666 l-attur Seelig jinkludi wkoll il-ġranet ta' *sick leave* li ma għamilx użu minnu. Il-Qorti tinnota li Regolament 2(1) tal-Leġislazzjoni Sussidarja 452.101 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti s-segwenti definizzjoni ta' "*leave* għall-mard":

> "l*eave* li jingħata lill-impjegat kull meta l-impjegat jippreżenta ċertifikat mediku li jiċċertifika inkapaċita' għax-xogħol."

Illi jirriżulta li l-benefiċċju msemmi jiskatta biss jekk l-impjegat ikun marid u ma hemmx lok għall-ebda kumpens mil-liġi għall-ġranet ta' *sick leave* li ma għamilx użu minnhom l-attur Seelig. Min-naħa l-oħra, b'differenza tal-"*holidays*", il-kuntratt ma jistabilixxix li l-attur Seelig jiġi kkumpensat għas-*sick leave* li ma sarx użu minnu. B'hekk

isegwi li sa fejn din il-parti tat-talba hija msejsa fuq is-*sick leave*, din ser tiġi miċħuda.

<u>Spejjeż sabiex tranġa l-appartament</u>:
Illi klawsola 1.4 tal-*Memorandum of Understanding* (Dok. "MR 1" – *a fol.* 116 *et seq.*) ma huwiex eżawstiv għal dak li kien ikopri iżda jsemmi li huwa intiż sabiex ikopri l-ispejjeż kollha li seta' jsofri l-attur Seelig sabiex jirriloka ruħu f'Malta. F'dan ir-rigward l-attur Seelig jitlob is-somma ta' €3,640 u jippreżenta biss dokument fejn jelenka l-ispejjeż li jgħid li għamel (Dok. "I" – *a fol.* 47) mingħajr ma ppreżenta xi forma ta' rċevuta sabiex jissostanzja t-talba tiegħu. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għal sentenza mogħtija fis-27 ta' Marzu 2020 fil-kawża fl-ismijiet **Antoine Camilleri vs. Jason Aquilina** (Numru 135/10) fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "18. Issa għalkemm Alfred Camilleri (ħu l-attur) fl-affidavit tiegħu ikkorrobora l-verżjoni tal-attur li kien ħallas lill-konvenut l-ammont ta' €81,525; u għalkemm Arthur Briffa fl-affidavit tiegħu xehed li l-konvenut kien qallu li kien irċieva xi €80,000 mingħand l-attur, din il-Qorti ma jidhrilhiex li tali depożizzjonjiet waħedhom (u avolja ma sarux il-kontroeżamijiet relattivi) jikkostitwixxu prova sodisfaċenti u suffiċjenti sal-punt li jwassluha biex (<u>fl-assenza ta' prova dokumentarja u fl-assenza ta' raġuni valida għaliex ma tressqitx tali prova dokumentarja</u>) tikkonkludi li l-attur effettivament ħallas l-ammont ta' €81,525 lill-konvenut". [emfażi miżjuda]

B'hekk, tenut kont ta' dak li għadu kemm ingħad, isegwi li l-ammont mitlub dwar spejjeż sabiex jiġi tranġat l-appartament ma ġiex pruvat u għalhekk il-Qorti ser tiċħdu.

<u>Kera tal-*flat* imħallas mill-attur Seelig</u>:
Illi l-ammont mitlub f'dan ir-rigward huwa dak ta' €2,261.22 b'dan illi l-attur Seelig eżebixxa dokument li ġie mmarkat bħala Dok. "J" (*a fol.* 48). Apparti li l-Qorti tinnota li dan id-dokument jindika s-somma ta' $2,261.22 u mhux dik ta' €2,261.22 kif hemm fir-Rikors Maħluf, il-Qorti tinnota wkoll li bħal fil-każ tal-paragrafu

preċedenti, l-attur Seelig ma ppreżenta l-ebda forma ta' rċevuta sabiex jissostanzja t-talba tiegħu u b'hekk il-Qorti ser tikkunsidra li anke dan l-ammont ma ġiex pruvat u għalhekk ser tiċħdu wkoll.

<u>Dawl u Ilma</u>:
Illi l-attur Seelig jitlob ukoll il-ħlas tal-kont tad-dawl u ilma fl-ammont ta' €1,422.64 u in sostenn ta' dan eżebixxa dokument li ġie mmarkat bħala Dok. "K" (*a fol.* 49). F'dan ir-rigward, il-Qorti tibda billi tinnota li kif ġie ndikat mis-soċjeta' konvenuta fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha (*a fol.* 199 *et seq.*) il-kont ippreżentat huwa fin-negattiv u għalhekk dan diġa' iwaqqaf din it-talba.

Illi l-Qorti żżid tgħid li skont klawsola ħmistax (15) tal-kuntratt (Dok. "A" – *a fol.* 7 *et seq.*) l-attur Seelig kellu jkollu l-benefiċċji li kien hemm stipulati fil-*Memorandum of Understanding* (Dok. "MR 1" – *a fol.* 116 *et seq.*) fejn klawsola 1.4 tal-*Memorandum* imsemmi jistabbilixxi li l-attur Seelig kien dovut *relocation allowance* ta' €50,000 li ġie deskritt bħala *"full and comprehensive allowance towards all costs which may be incurred by the Consultant in establishing his base in Malta"* (*a fol.* 117). Il-Qorti hija tal-fehma li dawn l-ispejjeż iridu jkunu konsegwenza tar-rilokazzjoni u mhux marbuta mal-permanenza tal-attur Seelig hawn Malta. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ser tiċħad it-talba għal kumpens fuq din l-ispiża.

<u>Spejjeż Ġenerali</u>:
Illi l-attur Seelig jitlob l-ammont ta' €4,000 rappreżentanti dawk li fir-Rikors Maħluf tiegħu jiddeskrivi bħala *"spejjeż oħra konnessi"*. Il-Qorti tinnota li ma tressqet l-ebda prova ta' dawn l-ispejjeż u meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Antoine Camilleri vs. Jason Aquilina** (Numru 135/10) aktar 'il fuq kwotata, il-Qorti ser tiċħad it-talba għal kumpens f'dan ir-rigward.

<u>Illi b'hekk isegwi li l-ammont dovut mis-soċjeta' konvenuta lill-attur Seelig huwa dak ta' €116,745.10 (€111,937.41: arretrati ta' paga + €4,807.69 *vacation leave*).</u>

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tiċħad it-tieni (2) eċċezzjoni mressqa mis-soċjeta' konvenuta fir-Risposta Maħlufa tagħha;

2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra mressqa mis-soċjeta' konvenuta fir-Risposta Maħlufa tagħha sa fejn kompatibbli ma' din is-sentenza;

3. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) talba tal-attur Seelig;

4. Tilqa' limitatament it-tieni (2) talba tal-attur Seelig u tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta Booming Games (Malta) Limited hija debitrici tal-attur Seelig fis-somma ta' mija u sittax il-elf, seba' mija u ħamsa u erbgħin Euro u għaxar ċenteżmi (€116,745.10) dovuta kif fuq spjegat;

5. Tilqa' limitatament it-tielet (3) talba tal-attur Seelig u tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta Booming Games (Malta) Limited tħallas lill-attur Seelig is-somma ta' mija u sittax il-elf, seba' mija u ħamsa u erbgħin Euro u għaxar ċenteżmi (€116,745.10).

   Finalment, il-Qorti tordna li l-ispejjeż kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri hekk kif mitluba fir-Rikors Maħluf tal-attur Seelig u l-imgħax bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena li jibda mid-data tan-notifika ta' din il-kawża, *ossia* mis-6 ta' Awwissu 2019 (*a fol.* 52 *tergo*), sad-data tal-ħlas effettiv jitħallsu kollha kemm huma mis-soċjeta' konvenuta Booming Games (Malta) Limited.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |